**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**Stefan Cutajar**

**Illum 11 ta' Ottubru 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 250/2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stefan Cutajar ta' 38 sena, iben Joseph u Maria Iris xebba Cassar, imwieled gewwa Pieta', nhar it-16 t' April, 1984 u residenti gewwa fond Xemxija Park, Blk C, Fl1, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 203984M, u nakkuzah talli;

1. Bejn il-lejl tat-22 ta' Marzu 2023 u it-23 ta' Marzu, 2023, gewwa Ballut Blocks, Triq Wied Filep, Naxxar: bil-ħsieb li jagħmel delitt wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u dan billi

prova jikkommetti serq għad-dannu ta' Ballut Blocks, u/jew entitajiet ohra, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta` tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin.

2. U aktar talli nhar l-13 ta Marzu, 2023 ghal habta ta 23:00hrs ta filghaxija, gewwa Ballut Blocks, sitwat gewwa Triq Wied Filep, Naxxar, ikkommetta serq ta' fuel, għad-dannu ta' Ballut Blocks, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li ma jeccedix is-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37 u bil-hin. ;

3. U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti, armi u / jew ghodod ohra li ntuzaw waqt id-delitt; u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-lum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatghu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsi t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Joseph P.Bonnici li l-Qorti ghadda sabiex jaghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 23,49, 50, 261(b) (c)(f),264, 267, 270, 278 (3), 279(a), 280(2), 289, 532(A) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Stefan Cutajar hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' sena millum bil kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mghoti kontestwalment.

______________________

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**

______________________

**Ylenia Spiteri**
**DEPUTAT REGISTRATUR**